



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

2012/0288(COD)

21.6.2013

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonal

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżiż u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli
(COM(2012)0595 – C7-0337/12 – 2012/0288(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Riikka Manner

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tiddikjara li f'ħafna każijiet il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbi hija bbażata fuq l-operazzjonijiet ta' SMEs lokali u reġjonali. L-enerġija rinnovabbi u l-bijokarburanti għall-użu tat-trasport għandhom impatt sinifikanti fuq ir-reġjuni tal-Unjoni Ewropea, u dan m'għandux jintesa meta tkun qed tiġi abbozzata l-legħilazzjoni.

Skont ir-riċerka, madankollu, il-produzzjoni tal-bijokarburanti nstab li għandha effetti avversi fuq il-prezz tal-ikel u fuq it-tibdil fil-klima. L-hekk imsejħa tibdiliet indiretti fl-użu tal-art jistgħu jwasslu għal emissjonijiet sostanzjali ta' gassijiet b'effett ta' serra. Din il-problema ġiet indirizzata b'mod determinat billi ġew rakkomandati limiti fuq l-hekk imsejħa bijokarburanti konvenzjonali li jużaw l-għeleggħi tal-ikel bħala l-materja prima tagħhom.

Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni ma tesklidix għalkollox il-produzzjoni tal-bijokarburanti konvenzjonali, għandha tittieħed nota tal-impatt sinifikanti li l-proposta se jkollha fuq is-settur. Il-valutazzjoni tal-impatt li saret mill-Kummissjoni tindika li l-proposta se taffettwa l-istabilità tal-investiment finanzjarju jekk il-materji prima għal ipproċessar industrijali u produttiv tal-bijokarburanti konvenzjonali jkunu limitati. Il-proposta jista' għalhekk ikollha impatt sinifikanti fuq l-industrija eżistenti tal-bijokarburanti, u wieħed għandu jiftakar li l-industrija tal-bijokarburanti tal-ewwel ġenerazzjoni tiproduċi wkoll bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni.

Objettiv importanti tal-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbi u l-bijokarburanti huwa l-iżvilupp taż-żoni rurali u tar-reġjuni. Il-proposta tal-Kummissjoni se taffettwa l-vijabilità taż-żoni rurali u r-reġjuni, peress li tillimita l-kultivazzjoni tal-għeleggħi tal-enerġija. Il-proposta tista' taffettwa l-awtosuffiċjenza tal-Ewropa fir-rigward tal-proteina, peress li l-għalf li fih il-proteini huwa prodott sekondarju ta' ħafna impjanti tal-bijokarburanti. L-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġenwinament ġdida ta' bijokarburanti se jiġġenera d-domanda għal materji prima għal ipproċessar industrijali u produttiv oħra tal-bijokarburant li jkunu ġejjin minn azjendi agrikoli u azjendi forestali, pereżempju għat-tibben u l-injam. L-użu tal-bijomassa tal-injam bħala materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv tal-bijokarburant se jippromwovi wkoll l-awtosuffiċjenza enerġetika tar-reġjuni. Għandu jittieħed kont ukoll tal-potenzjal sostanzjali tal-iskart agrikolu u r-residwi agrikoli bħala materji prima għall-bijogass u l-bijokarburanti.

Peress li l-proposta x'aktarx li jkollha impatt sinifikanti fuq il-produzzjoni attwali tal-bijokarburanti u għalhekk anke fuq l-impieg i reġjonali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod aktar preċiż milli għamlet s'issa l-impatt soċjali u ekonomiku tal-proposta kemm fuq is-settur innifsu u kemm fuq iż-żoni rurali u reġjuni oħra.

Il-bijokarburanti avvanzati jiġġeneraw it-tkabbir

Skont il-valutazzjoni tal-impatt li saret mill-Kummissjoni, hemm ir-riskju li l-mira tad-direttiva dwar l-enerġija rinnovabbi fir-rigward tat-trasport ma tintlaħaqx kemm-il darba l-iżvilupp tekniku ma jiżgurax tkabbir sinifikanti fl-introduzzjoni ta' bijokarburanti avvanzati.

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jqis li l-Unjoni Ewropea għandha tinvesti b'diversi modi fil-produzzjoni ta' bijokarburanti avvanzati tat-tieni ġenerazzjoni kif ukoll fil-promozzjoni tad-domanda, peress li l-UE ma għandhiex iċċedi l-mira ambizzjuża tagħha għall-bijokarburanti tat-trasport għas-sena 2020. Barra minn din id-direttiva, għandu jiġi promoss l-użu tal-fondi strutturali u tar-riċerka tal-UE biex tīgħi żviluppata l-produzzjoni tal-bijokarburanti ta' ġenerazzjoni ġdida. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-produzzjoni ta' bijokarburanti avvanzati tat-tieni ġenerazzjoni u d-domanda għalihom imisshom jiġu promossi b'mod aktar komprezziv milli qed tiproponi l-Kummissjoni. Il-park ta' vetturi u l-infrastruttura tal-impjanti attwali tal-produzzjoni mhumiex se jinbidlu mil-lejl għan-nhar imma se jirrikjedu, pereżempju, miżuri biex it-tagħmir jiġi adattat biex jopera b'taħlitiet ta' karburant li jkun fih aktar bijoetanol, u miżuri ta' adattament oħra.

Il-proposta tal-Kummissjoni biex jingħata appoġġ lill-bijokarburanti avvanzati billi ssir enfasi akbar fuqhom fil-konformità mal-obbligi ta' min ifaħħarha, għalkemm l-il-huq tal-mira ta' 10% purament f'termini relativi ma tistax tkun l-unika mira tad-direttiva. Id-direttiva għandha tippromwovi sal-massimu l-bijokarburanti aktar avvanzati mit-tieni ġenerazzjoni, u l-produzzjoni tagħhom. Kif inhi attwalment, il-proposta tal-Kummissjoni għadha tirrikjedi li tīgħi emedata, ġalli d-direttiva tkun tiprovd l-inċentivi l-aktar b'saħħithom possibbi. L-elenkar kategoriku u eżawrenti tal-materji prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li jridu jingħaddu kemm-il darba, li qed tiproponi l-Kummissjoni, muhuwiex iġġustifikat għalkollox, għax f'dan l-istadju għadu muhuwiex possibbi li jiġu identifikati l-materji prima għal ipproċessar industrijali u produttiv kollha li jista' jkun li jiġu sfruttati fil-gejjjeni qrib. Mil-lat tal-iżvilupp reġjonali, huwa assolutament vitali li jsir investiment fil-produzzjoni tal-bijokarburanti tal-ġenerazzjoni l-ġdida, peress li wieħed jassumi li l-iżvilupp tal-produzzjoni se joħloq numri sostanzjali ta' impjieg iċċoda.

Fl-aħħar, il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jixtieq jenfasizza l-importanza li wieħed iħares lejn il-ġejjieni 'l bogħod fil-politika tal-Unjoni. Il-leġiżlazzjoni tal-UE għandha tiżgura l-ambjent operattiv possibbi l-aktar stabbli u l-politika għandha tkun prevedibbi ġalli n-negozji jażżardaw/jissugraw jinvestu fl-Ewropa u b'hekk joħolqu l-impjieg ijiġi u jiġi fir-rapport tiegħi:

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbi, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħi:

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fejn art agrikola jew mergħa li qabel kienet iddestinata għas-swieq tal-ikel, tal-għalf u tal-fibra tinbidel għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, id-domanda li ma tkunx għall-karburanti xorta waħda trid tīgħi ssodisfata jew bl-intensifikazzjoni tal-produzzjoni attwali jew billi art mhux agrikola tinbidel għall-produzzjoni band'oħra. Dan l-aħħar każżejjix jirrappreżenta tibdil indirett fl-użu tal-art u meta jkun jinvolvi l-bidla ta' art b'ħażna kbira ta' karbonju dan jista' jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra. Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE għandhom, għalhekk, jinkludu dispożizzjonijiet biex jindirizzaw tibdil indirett fl-użu tal-art minħabba li l-bijokarburanti bħalissa jinħadmu l-aktar minn għejej il-imkabbrin fuq art agrikola eżistenti.

Emenda

(4) Fejn art agrikola jew mergħa li qabel kienet iddestinata għas-swieq tal-ikel, tal-għalf u tal-fibra tinbidel għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, id-domanda li ma tkunx għall-karburanti xorta waħda trid tīgħi ssodisfata jew bl-intensifikazzjoni tal-produzzjoni attwali jew billi art mhux agrikola tinbidel għall-produzzjoni band'oħra. Dan l-aħħar każżejjix jirrappreżenta tibdil indirett fl-użu tal-art u meta jkun jinvolvi l-bidla ta' art b'ħażna kbira ta' karbonju dan jista' jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra. Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE għandhom, għalhekk, jinkludu dispożizzjonijiet biex jindirizzaw tibdil indirett fl-użu tal-art minħabba li l-bijokarburanti bħalissa jinħadmu l-aktar minn għejej il-imkabbrin fuq art agrikola eżistenti. *Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni Ewropej, dawn it-tibdiliet jista' jkollhom impatt qawwi fil-livell reġjonal, u għalhekk huwa rrakkommandat li ssir valutazzjoni tal-impatt mill-aktar fis-possibbli dwar l-effetti ekonomiċi u soċjali li din id-direttiva jista' jkollha fil-livell reġjonal. Jekk kwantitajiet ta' emissjonijiet jiġu mqabbla ċiklu tal-ħajja, l-għejej il-taz-zokkor u tal-lamtu minn naħa u l-għejej il-taż-żjut min-naħa l-oħra huma differenti minn xulxin fil-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Bil-għan li jinkisbu beneficiċċi għall-ambjent bl-aktar mod effettiv possibbli, l-iffukar għandu jkun fuq il-limitar tal-bijokarburanti u l-produzzjoni li għandhom l-aktar impatt ambjentali negattiv.*

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propos mill-Kummissjoni

(5) Abbażi ta' *previżjonijiet* tad-domanda għall-bijokarburanti pprovduti mill-Istati Membri u *ta' stimi* ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art għal materja prima differenti għal ipproċessar industrijali u produttiv ta' bijokarburanti, aktarx li emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'rabta ma' tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu sinifikanti u jistgħu jgħib fix-xejn xi ffit mit-tnaqqis jew it-tnaqqis kollu ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' bijokarburanti individwali. Dan iseħħi għaliex il-produzzjoni kważi kollha tal-bijokarburanti fl-2020 hi mistennija li tīgi minn għeleggħi imkabbrin fuq art li tkun tista' tintuża biex taqdi s-swieq tal-ikel u tal-għalf. Biex emissjonijiet bħal dawn jitnaqqsu, ikun jixraq li ssir distinzjoni bejn gruppi ta' għeleggħi, bħal għeleggħi tal-pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt, għeleggħi taċ-ċereali, għeleggħi tal-pjanti taz-zokkor u għeleggħi oħra ta' pjanti b'kontenut ta' lamtu, skont dan.

Emenda

(5) Abbażi *tal-objettivi tal-Unjoni li żżid is-sehem kumplessiv tal-enerġija li ġejja minn sorsi rinnovabbli għal 20% sal-2020, u għal 10% fis-settur tat-trasport, il-previżjonijiet* tad-domanda għall-bijokarburanti pprovduti mill-Istati Membri, *iċċentralizzati fil-livell Ewropew, u l-istimi* ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art għal materja prima differenti għal ipproċessar industrijali u produttiv ta' bijokarburanti, aktarx li emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'rabta ma' tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu sinifikanti u jistgħu jgħib fix-xejn xi ffit mit-tnaqqis jew it-tnaqqis kollu ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' bijokarburanti individwali. Dan iseħħi għaliex il-produzzjoni kważi kollha tal-bijokarburanti fl-2020 hi mistennija li tīgi minn għeleggħi imkabbrin fuq art li tkun tista' tintuża biex taqdi s-swieq tal-ikel u tal-għalf. *Tali prattiki jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-komunitajiet lokali speċjalment fil-pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw. L-istrateġiji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għandhom għaldaqstant iqis u l-impatt soċjali.* Biex emissjonijiet bħal dawn jitnaqqsu, ikun jixraq li ssir distinzjoni bejn gruppi ta' għeleggħi, bħal għeleggħi tal-pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt, għeleggħi taċ-ċereali, għeleggħi tal-pjanti taz-zokkor u għeleggħi oħra ta' pjanti b'kontenut ta' lamtu, skont dan.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propos mill-Kummissjoni

(6) Karburanti likwidli rinnovabbli *aktarx li jkunu meħtieġa mis-settur* tat-trasport biex

Emenda

(6) Karburanti likwidli rinnovabbli *kulma jmur se jsiru aktar u aktar importanti fis-*

dan inaqwas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra. Bijokarburanti avanzati, bħal dawk magħmulin minn skart u alka, jipprovdu tnaqqis għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra b'riskju baxx li jinħoloq tibdil indirett fl-użu tal-art u ma jikkompetux direttament għal art agrikola għas-swieq tal-ikel u tal-għalf. Ikun jixraq, għalhekk, li titħeġġeġ produzzjoni akbar ta' bijokarburanti avanzati bħal dawn ġħax dawn bħalissa ma jistgħux jinkisbu kummerċjalment fi kwantitajiet kbar, parżjalment minħabba kompetizzjoni għal sussidji pubbliċi ma' teknoloġiji stabbiliti ta' bijokarburanti b'bażi ta' għelejjel tal-ikel. Għandhom jiġu pprovduti aktar incenzi billi l-ippeżar tal-bijokarburanti avanzati jiżdied għal 10 % tal-mira għat-trasport stabbilita fid-Direttiva 2009/28/KE meta mqabbel ma' bijokarburanti konvenzjonali. F'dan il-kuntest, bijokarburanti avanzati b'impatti stmati baxxi minn tibdil indirett fl-użu tal-art u tnaqqis kumplessiv għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra biss għandhom ikunu appoġġati bħala parti mill-qafas tal-politika tal-enerġija rinnovabbli għal wara l-2020.

settur tat-trasport biex dan inaqwas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra. **L-iffrankar ta' gassijiet b'effett ta' serra minn ħafna bijokarburanti għadu wieħed sostanzjali meta mqabbel mal-karburanti fossili, inkluż jekk jitqies l-impatt tat-tibdiliet indiretti fl-użu tal-art.**

Bijokarburanti avanzati, bħal dawk magħmulin minn skart, **residwi tal-injam** u alka, jipprovdu tnaqqis għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra b'riskju baxx li jinħoloq tibdil indirett fl-użu tal-art u ma jikkompetux direttament għal art agrikola għas-swieq tal-ikel u tal-għalf. Ikun jixraq, għalhekk, li titħeġġeġ produzzjoni akbar ta' bijokarburanti avanzati bħal dawn ġħax dawn bħalissa ma jistgħux jinkisbu kummerċjalment fi kwantitajiet kbar, parżjalment minħabba kompetizzjoni għal sussidji pubbliċi ma' teknoloġiji stabbiliti ta' bijokarburanti b'bażi ta' għelejjel tal-ikel. Għandhom jiġu pprovduti aktar inċentivi billi l-ippeżar tal-bijokarburanti avanzati jiżdied għal 10 % tal-mira għat-trasport stabbilita fid-Direttiva 2009/28/KE meta mqabbel ma' bijokarburanti konvenzjonali. **Madankollu, din id-direttiva ma għandhiex tirriżulta f'sitwazzjoni fejn l-iffrankar ġenwin ta' gassijiet b'effett ta' serra fit-trasport ma jilħaqx il-livell imbassar fil-previżjonijiet. Bil-għan li l-Istati Membri jkunu jistgħu b'mod flessibbli kemm jista' jkun jiżviluppaw materja prima innovattiva u ġdida għal ipproċessar industrijali u produttiv u jippromwovu l-użu tagħha fil-produzzjoni tal-bijokarburanti, huwa importanti li jiġu stabbiliti f'din id-direttiva prinċipji u dispożizzjonijiet ġenerali fir-rigward ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni u avanzati. Din il-ħaġa tkun tagħti lill-Istati Membri u għalhekk anke lir-reġjuni l-opportunità li jiddeċiedu dwar it-trattament tal-materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv abbażi tal-kapaċitajiet tagħhom stess.** F'dan il-

kuntest, bijokarburanti avanzati b'impatti stmati baxxi minn tibdil indirett fl-użu tal-art u tnaqqis kumplessiv għoli ta' gassijiet b'effett ta' serra biss għandhom ikunu appoġġati bħala parti mill-qafas tal-politika tal-enerġija rinnovabbli għal wara l-2020.

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Biex tkun żgurata l-kompetittività fit-tul tas-setturi industrijali b'bażi bijoloġika, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2012 "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" u mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċċenti *tar-Riżorsi*, li jippromwovu bijoraffineri integrati u diversifikati fl-Ewropa kollha, għandhom jiġu stabbiliti incēntivi mtejba skont id-Direttiva 2009/28/KE b'mod li *tingħata preferenza lill-użu ta'* materja prima ta' bijomassa għal ipproċessar industrijali u produttiv *li ma jkollhiex valur ekonomiku għoli.*

Emenda

(7) Biex tkun żgurata l-kompetittività fit-tul tas-setturi industrijali b'bażi bijoloġika, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-2012 "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoekonomija għall-Ewropa" u mal-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċċenti *tar-Riżorsi*, li jippromwovu bijoraffineri integrati u diversifikati fl-Ewropa kollha, għandhom jiġu stabbiliti incēntivi mtejba skont id-Direttiva 2009/28/KE b'mod li *jippromwovu l-użu effiċċenti fir-riżorsi ta'* materja prima ta' bijomassa għal ipproċessar industrijali u produttiv *u jaġħtu preferenza lill-użu ta'* bijokarburanti *tat-tieni ġenerazzjoni u avanzati. Il-Fondi Strutturali tal-Unjoni għandhom jiġu assenjati rwol ewljeni fil-promozzjoni u l-iżvilupp tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni u avanzati.*

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7a) B'mod simili, huwa meħtieġ aktar appoġġ kemm minn fondi pubbliċi u riċerka Ewropea, programmi reġjonali u

strutturali u mill-attirar ta' investiment privat permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati, li se jgħin biex tīgi żgurata koerenza akbar bejn l-isforzi ta' riċerka u innovazzjoni u l-ħtiġjiet futuri tal-industrija Ewropea.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) Fil-promozzjoni tal-iżvilupp tas-suq tal-portaturi tal-enerġija rinnovabbli u tal-karburanti rinnovabbli, għandu jitqies l-impatt tagħhom mhux biss fuq il-klima imma wkoll fuq l-opportunitajiet ta' żvilupp u l-impjiegi reġjonali u lokali. Il-produzzjoni tal-bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni u avanzati għandha potenzjal li toħloq l-impjiegi u tiġġenera tkabbir, b'mod partikolari fiziż-żoni rurali. L-awtosuffiċjenza enerġetika u s-sigurtà tal-provvista tar-reġjuni ukoll huma objettivi tal-promozzjoni tas-swiegħ tal-enerġija rinnovabbli u tal-karburanti rinnovabbli.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9) Bi tħejjija għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avanzati u biex ikunu mminimizzati l-impatti kumplessivi minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-perjodu sal-2020, ikun jixraq li jkun limitat l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi miksubin minn għelejjel tal-ikel kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness VIII tad-

(9) Bi tħejjija għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avanzati u biex ikunu mminimizzati l-impatti kumplessivi minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-perjodu sal-2020, ikun jixraq li jkun limitat l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi miksubin minn għelejjel tal-ikel kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness VIII tad-

Direttiva 2009/28/KE u fil-Parti A tal-Anness V tad-Direttiva 98/70/KE li jkunu jistgħu jingħaddu għall-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE. Mingħajr ma jiġi ristrett l-użu kumplessiv ta' bijokarburanti bħal dawn, is-sehem tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi, prodotti ***mill-għelejjal taċ-ċereali u għelejjal oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu, bi pjanti taz-zokkor u bi pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt***, li jista' jingħadd għall-miri tad-Direttiva 2009/28/KE għandu jkun limitat ***għas-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi bħal dawn ikkonsmati fl-2011.***

Direttiva 2009/28/KE u fil-Parti A tal-Anness V tad-Direttiva 98/70/KE li jkunu jistgħadu jingħaddu għall-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE. ***Tali limitu għandu primarjament jiffoka fuq il-bijokarburanti li għandhom l-impatt l-aktar avvers fuq l-ambjent u l-klima.*** Mingħajr ma jiġi ristrett l-użu kumplessiv ta' bijokarburanti bħal dawn, is-sehem tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi, prodotti ***minn għelejjal taż-żejt***, li jista' jingħadd għall-miri tad-Direttiva 2009/28/KE għandu jkun limitat.

Ġustifikazzjoni

Peress li l-emissjonijiet ikkalkolati li qed jiġu kkawżati mit-tibdil indirett fl-użu tal-art huma ta' 12 gCO₂eq/MJ għaċ-ċċereali u għelejjal oħra b'kontenut rikk ta' lamtu u 13 gCO₂eq/MJ għaż-żokkor, meta mqabbla mal-55 gCO₂eq/MJ għall-għelejjal taż-żejt, huwa xieraq li l-ewwel jiġi limitat l-użu ta' dawk l-għelejjal li għandhom l-akbar impatt ambjentali.

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) L-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art għandhom jiġu inklużi fir-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bijokarburanti skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE. Bijokarburanti magħmulin minn materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li ma jwasslux għal domanda addizzjonali ta' art, bħal dawk minn skart ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv, għandhom jiġu assenjati fattur ta' żero emissjonijiet.

Emenda

(11) L-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art għandhom jiġu inklużi fir-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bijokarburanti skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE. Bijokarburanti magħmulin minn materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li ma jwasslux għal domanda addizzjonali ta' art, bħal dawk minn skart ***u residwi ta'*** materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv, għandhom jiġu assenjati fattur ta' żero emissjonijiet.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li fit-test tiddaħħal il-kelma 'residwi', peress li għad hemm wisq potenzjal, pereżempju, fl-esplorazzjoni tal-prodotti sekondarji u residwi industrijali.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a)

It-tibdil fl-użu tal-art għall-produzzjoni tal-bijokarburanti m'għandux iwassal għall-ispostament tal-komunitajiet lokali jew indiġeni.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20) Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva, abbażi tal-aħħar u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, biex tillimita emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art u biex tindirizza modi biex ikun imminimizzat aktar dak l-impatt, li jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' fatturi ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fl-iskema ta' sostenibbiltà mill-1 ta' Jannar 2021.

(20) Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva ***u l-impatt tagħhom fil-livelli kollha***, abbażi tal-aħħar u l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, biex tillimita emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art u biex tindirizza modi biex ikun imminimizzat aktar dak l-impatt, li jista' jinkludi l-introduzzjoni ta' fatturi ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fl-iskema ta' sostenibbiltà mill-1 ta' Jannar 2021. ***Il-Kummissjoni għandha wkoll teżamina mill-ġdid l-impatt ekonomiku u soċjali aktar wiesa'*** ***tal-proposta fuq ir-reġjuni tal-Unjoni, fuq il-kampanja kif ukoll fuq l-operazzjonijiet tal-produtturi eżistenti tal-bijokarburanti.***

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż *f'livell ta' esperti*. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda

(21) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż *mar-riċerkaturi, l-utenti aħħarija, dawk li jfasslu l-politiki u s-soċjetà ċivili*. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Premessa 21a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Huwa rrakkomandat ukoll li jiġu stabiliti gruppi ta' ħidma reġionali, ħaġa li se tgħin biex jittejbu s-sinerġiji, tiġi żgurata koerenza akbar fost il-politiki reġionali u jiġu promossi eżempji tal-aħjar prattika fl-Unjoni.

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c – subpunt iii

2009/28/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt e – subpunt i

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(i) *bijokkarburanti prodotti minn materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv elenkata fil-Parti A tal-Anness IX għandhom jitqiesu bħala erba' darbiet aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom;*

(i) *Il-Parti A tal-Anness IX fiha, bħala eżempju, listi ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv, li l-bijokkarburanti prodotti minnhom għandhom jitqiesu bħala d-doppju tal-kontenut tal-enerġija tagħhom;*

Ġustifikazzjoni

L-approċċ li tiġi elenkata b'mod eżawrjenti fl-anness il-materja prima kollha individwali għal ipproċessar industrijali u produttiv, li l-bijokarburanti prodotti minnha għandhom jiġu magħduda b'peżar għal erba' darbiet jew dobbju, m'hux sewwa, peress li hu diffiċli li wieħed jidentifika kull materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li tista' tintuża jew issa jew fil-ġejjieni u li ma tkun tinvolvi l-ebda riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art. Peżar għal erba' darbiet jista' jirriżulta f'li l-kwantità nnifisha ta' bijokarburanti avanzati ma tilħaqx il-livell ta' dak li kien mistenni, u b'hekk l-impatt stmat fqu ir-reġjuni jitnaqqas ukoll.

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c – subpunt iii

2009/28/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt e – subpunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) **bijokarburanti prodotti minn materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv elenkata fil-Parti B tal-Anness IX għandhom jitqiesu **bħala darbtejn aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom;****

Emenda

(ii) **Il-Parti B tal-Anness IX fiha, bħala eżempju, listi ta' materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv, li l-bijokarburanti prodotti minnhom għandhom jitqiesu **direttament skont il-kontenut tal-enerġija tagħhom;****

Ġustifikazzjoni

L-approċċ li tiġi elenkata b'mod eżawrjenti fl-anness il-materja prima kollha individwali għal ipproċessar industrijali u produttiv, li l-bijokarburanti prodotti minnha għandhom jiġu magħduda b'peżar għal erba' darbiet jew dobbju, m'hux sewwa, peress li hu diffiċli li wieħed jidentifika kull materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li tista' tintuża jew issa jew fil-ġejjieni u li ma tkun tinvolvi l-ebda riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art. Peżar għal erba' darbiet jista' jirriżulta f'li l-kwantità nnifisha ta' bijokarburanti avanzati ma tilħaqx il-livell ta' dak li kien mistenni, u b'hekk l-impatt stmat fqu ir-reġjuni jitnaqqas ukoll.

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c – subpunt iii

2009/28/KE

Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt e – subpunt iii

Test propost mill-Kummissjoni

(iii)

karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika għandhom jitqiesu

Emenda

karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika għandhom jitqiesu **li huma d-doppju tal-kontenut tal-enerġija**

bħala erba' darbiet aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom.

tagħhom.

Ġustifikazzjoni

Peżar għal erba' darbiet jista' jirriżulta f'li l-kwantità nnifisha ta' bijokkarburanti avanzati ma tilħaqx il-livell ta' dak li kien mistenni, u b'hekk l-impatt stmat fqu ir-reġjuni jitnaqqas ukoll.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, qabel il-31 ta' Diċembru 2017, tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina mill-ġdid, abbażi tal-aqwa u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva biex jiġu limitati emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni ta' bijokkarburanti u bijolikwidi. Ir-rapport għandu, jekk ikun jixraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva bbażata fuq l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, biex ikunu introdotti fatturi ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-kriterji adatti ta' sostenibbiltà li għandhom ikunu applikati mill-1 ta' Jannar 2021, u minn eżami mill-ġdid tal-effikaċja tal-inċentivi pprovduti għal bijokkarburanti minn materja prima għal ipproċessar industrijali u prodttiv li ma tużax art u minn għeżejjel mhux tal-ikel skont l-Artikolu 3(4)d tad-Direttiva 2009/28/KE.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, qabel il-31 ta' Diċembru 2017, tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina mill-ġdid, abbażi tal-aqwa u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva **u l-impatt tagħhom fil-livelli kollha** biex jiġu limitati emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni ta' bijokkarburanti u bijolikwidi. **Ir-rapport għandu jeżamina mill-ġdid ukoll l-impatt tad-direttiva fuq l-operazzjoni tal-industrija eżistenti tal-bijokkarburanti u l-impatt soċċoekonomiku aktar wiesa' tad-direttiva fuq ir-reġjuni tal-Unjoni.** Ir-rapport għandu, jekk ikun jixraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva bbażata fuq l-aqwa evidenza xjentifika disponibbli, biex ikunu introdotti fatturi ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-kriterji adatti ta' sostenibbiltà li għandhom ikunu applikati mill-1 ta' Jannar 2021, u minn eżami mill-ġdid tal-effikaċja tal-inċentivi pprovduti għal bijokkarburanti minn materja prima għal ipproċessar industrijali u prodttiv li ma tużax art u minn għeżejjel mhux tal-ikel skont l-Artikolu 3(4)d tad-Direttiva 2009/28/KE.

Ġustifikazzjoni

Fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni qieset l-impatt soċjali u ekonomiku usa' tal-proposta b'mod kemmxejn sommarju, għalkemm wieħed mill-għanijiet importanti tad-direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli hu li jiġu żviluppati r-reġjuni u ż-żoni rurali. Huwa għalhekk mixtieq li jiġi eżaminat l-impatt soċjoekonomiku tal-proposta, pereżempju fuq l-impjieg, aktar bir-reqqa milli sar s'issa ladarba l-proposta tkun daħlet fīs-seħħ.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ba (ġidid)

2009/28/KE

Anness V – Parti C – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Fil-punt 11, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Jekk l-elettriku rinnovabbli ġġenerat x'imkien ieħor li huwa ta' oriġini garantita kif imsemmi fl-Artikolu 15 jintuża f'impjant għall-produzzjoni tal-karburant, il-livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-elettriku għandu jitqies li hu zero. Il-livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-elettriku rinnovabbli ġġenerat fl-impjant tal-produzzjoni għandu bl-istess mod jitqies li hu zero."

Ġustifikazzjoni

Huwa mixtieq li l-impjanti ta' produzzjoni jiġu inkoraġġuti jużaw l-elettriku rinnovabbli bħala sors ta' enerġija jekk l-impjant juża enerġija ġġenerata x'imkien ieħor. Dan sejkun ta' beneficiċju wkoll għall-impjanti ta' enerġija rinnovabbli fir-reġjun billi tiżdied id-domanda għall-elettriku rinnovabbli.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Anness 2

Direttiva 2009/28/KE

Anness IX

Test propost mill-Kummissjoni

3) Għandu jiżdied l-Anness IX li ġej:

"Anness IX

Parti A. Materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-Artikolu 3(4) għandha titqies li hija ***erba' darbiet aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħha***

(a) Alka.

(b) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart muniċipali mħallat, iżda mhux skart *domestiku* soġġett għal miri ta' riċiklaġġ skont l-Artikolu 11(2)(a) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.

(c) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart industrijali.

(d) Tiben.

(e) Demel tal-annimali u ħama tad-drenaġġ.

(f) Effluent minn imtieħen taż-żejt tal-palm u għenieqed vojta tal-frott tal-palma.

(g) Żift miż-żejt tal-arżnu.

(h) Gliċerina mhux raffinata.

Emenda

3) Għandu jiżdied l-Anness IX li ġej:

"Anness IX

Parti A. Materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-Artikolu 3(4) għandha titqies li hija ***d-dopju tal-kontenut tal-enerġija tagħha***

Il-materja prima kollha għal ipproċessar industrijali u produttiv li tkun ibbażata fuq l-iskart, l-alka u r-residwi u l-materjal bijoloġiku li fil-każ tiegħu użijiet alternattivi rilevanti huma assoċjati ma' emissjonijiet sinifikanti ta' metan jew ossidu nitruż mingħajr ma tiġi ġenerata enerġija li tista' tintuża, inklużi dawn li ġejjin:

(a) Alka.

(b) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart muniċipali mħallat, ***inkluż bijoskart separat ieħor u skart tal-karti*** soġġett għal miri ta' riċiklaġġ skont l-Artikolu 11(2)(a) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.

(c) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart industrijali, ***skart mill-kummerċ bl-imnut u bl-ingrossa, kif ukoll residwi tal-proċessi.***

(d) Tiben.

(e) Demel tal-annimali u ħama tad-drenaġġ.

(f) Effluent minn imtieħen taż-żejt tal-palm u għenieqed vojta tal-frott tal-palma.

(g) ***Likur iswed u d-derivattivi tiegħu, bħalma huma sapun tas-sulfat mhux raffinat, linjina, żejt tal-arżnu mhux raffinat u żift*** miż-żejt tal-arżnu.

(h) Gliċerina mhux raffinata.

- (i) Bagasse.
 - (j) Residwi tal-għasra u karfa tal-inbid.
 - (k) Qxur tal-ġewż.
 - (l) Ħliefa.
 - (m) Ċfaċagħ tal-qamħirrum
 - (n) Qxur tas-siġar, friegħi, weraq, serratura u fdalijiet mill-qtugħi tas-siġar.

Parti B. Materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-

Artikolu 3(4) għandha titqies *li hija d-doppju tal-kontenut* tal-enerġija tagħha

(a) Żejt tal-ikel użat.

(b) Xaħam tal-annimali kklassifikat bħala tal-kategorija I u II skont Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 li jippreskrivi regoli tas-sahħha li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

(c) Materjal ċellulożiku mhux tal-ikel.

(d) Materjal linjoċellulożiku ġħajr zkuk maqtugħin u zkuk maqtugħin miksijsa b'fuljetta fina (veneer logs).

- (i) Bagasse.
 - (j) Residwi tal-għanja u karfa tal-inbid.
 - (k) Qxur tal-ġewż.
 - (l) Ħliefa.
 - (m) Ċfaċagħ tal-qamħirrum
 - (n) *Residwi mill-qtugħ tas-siġar għall-injam, bħalma huma* qxur tas-siġar, friegħi, *massa tal-quċċata, injam ta' daqs żgħir*, weraq, serratura u fdalijiet mill-qtugħi tas-siġar.

(na) Materjal ċellulożiku mhux tal-ikel.

(nb) Materjal linjoċellulożiku għajr zkuk maqtugħin u zkuk maqtugħin miksija b'fuljetta fina (veneer logs).

Parti B. Materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv li l-kontribuzzjoni tagħha għall-mira msemmija fl-
Artikolu 3(4) għandha titqies ***direttamente skont il-kontenut*** tal-enerġija tagħha

(a) Żejt tal-ikel użat.

(b) Xaħam tal-annimali kklassifikat bħala tal-kategorija I u II skont Ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 li jippreskrivi regoli tas-saħħha li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali mhux maħsuba għall-konsum uman.

Giustificazioni

L-approċċ li tiġi elenkata b'mod eżawrjenti fl-anness il-materja prima kollha individwali għal ipproċċessar industrijali u produttiv, li l-bijokarburanti prodotti minnha għandhom jiġu magħduda b'peżar għal erba' darbiet jew dobbju, m'huxiex sewwa, peress li hu diffiċċi li wieħed jidentifika kull materja prima għal ipproċċessar industrijali u produttiv li tista' tintuża jew issa jew fil-ġejjeni u li ma tkun tinvolvi l-ebda riskju ta' tibdil indirett fl-użu tal-art. Peżar għal erba' darbiet jista' jirriżulta f'li l-kwantità nnifisha ta' bijokarburanti avanzati ma tilħaqx il-livell ta' dak li kien mistenni, u b'hekk l-impatt stmat fqu ir-reġjuni jitnaqqas ukoll.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda għad-direttiva dwar il-kwalità tal-karburanti u għad-direttiva dwar l-enerġija rinnovabbli (Bidla Indiretta fl-Użu tal-Art)
Referenzi	COM(2012)0595 – C7-0337/2012 – 2012/0288(COD)
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 19.11.2012
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 19.11.2012
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Riikka Pakarinen 27.11.2012
Eżami fil-kumitat	22.4.2013
Data tal-adozzjoni	20.6.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0: 34 6 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Francesca Barracchi, Jean-Jacob Bicep, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Nikos Chrysogelos, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, Maríia Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Markus Pieper, Tomasz Piotr Poręba, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Giommaria Uggias
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Susy De Martini, Miroslav Ouzký, Marit Paulsen